2026/2198

29.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2198

tat-28 ta' Settembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK ([1]), li kompliet il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Lulju 2013 'il quddiem.

(2) Fit-30 ta' April 2025, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku kkoordinat tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) u tal-EUPOL COPPS, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-mandati taż-żewġ missjonijiet jenħtieġ li jiġu estiżi sat-30 ta' Ġunju 2027.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid, fost affarijiet oħra, l-impenn tal-Unjoni Ewropea għad-dritt internazzjonali u paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. L-Unjoni tenniet ir-rieda tagħha li taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Konflitt f'Gaża f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2803, waqt li appellat għall-implimentazzjoni sħiħa mill-partijiet kollha tal-waqfien mill-ġlied u tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-UNSCR 2803, f'konformità mal-UNSCRs u l-prinċipji politiċi u legali internazzjonali.

(4) Fid-29 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1466 ([2]), li estendiet il-mandat tal-EUPOL COPPS bi tliet xhur sat-30 ta' Settembru 2026.

(5) B'kont meħud tal-informazzjoni provduta minn Iżrael u l-Awtorità Palestinjana, jenħtieġ li l-EUPOL COPPS tiġi estiża b'disa' xhur.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/354/PESK tiġi emendata skont dan.

(7) Il-EUPOL COPPS ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsab fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027 għandu jkun ta' EUR 13 073 635,90.";

(2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/354/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1466 tad-29 ta' Ġunju 2026 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L, 2026/1466, 30.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1466/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2026.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON